MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2011

Numru 1302/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Mariella Monreal**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Mariella Monreal ta’ 37 sena, bint Joseph u Mary nee’ Zerafa, imwielda Pieta’ nhar it-18 ta’ Jannar, 1973, u residenti Piermar, Triq Nerik Mizzi, Kirkop u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 117373(M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

F’dawn il-gzejjer u cioe’ minn gewwa l-fond Mark & Spencer li jinsab gewwa x-Xatt ta’ tas-Sliema, ikkommettiet serq ta’ diversi oggetti, li l-valur taghhom jammonta ghal elf u tnejn u hamsin euro u zewg centezmi tal-euro (€1,052.02) liema serq sehh ghad-detriment ta’

Jonh Mattei u/jew ta’ persuni ohra, u li huwa kkwalifikat bil-valur;

Fl-istess perjodu, f’dawn il-Gzejjer, u cioe’ minn gewwa l-fond Clarie’s li jinsab gewwa c-check in Lounge tal-Malta International Airport, ikkommettiet serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jammonta ghal sitt mija u sitta u hamsin euro (€656), liema serq sehh ghad-detriment ta’ Chris Muscat u/jew ta’ persuni ohra, u li huwa kkwalifikat bil-valur;

Kif ukoll talli fl-20 ta’ Novembru, 2011 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reati, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom liema valur jeccedi l-valur ta’ euro 232.94.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta’ Novembru, 2011 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li saritilha fis-seduta tat-22 ta’ Novembru, 2011 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-22 ta’ Novembru, 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma’ ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri u kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputata Mariella Monreal hatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni ma’ tikkommettix reat iehor sa zmien tlett snin (3) millum.

Stante li t-tielet (3) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet li taghhom l-imputata nstabet hatja, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------